# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 27 ta' April, 2000**

**Numru: 15**

**Citazzjoni Numru: 1573/95 JF**

**Mario Caruana**

**vs**

**Joseph Vancell u Sonya Caruana Saydon**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien gie moghti kuntratt b'appalt mill-intimat sabiex jezegwixxi x-xoghol kollu nvolut fil-kostruzzjoni tal-fond fuq plot Nru. 5, Tal-Mentna, Mqabba.

U premess illi l-attur beda jezegwixxi dan l-appalt u ghamel diversi kostruzzjonijiet fosthom pedamenti, basement, bir, u hitan divizorji ohra u dan skond kif titlob is-sengha u l-arti.

U premess illi l-intimat waqqaf lill-attur milli jkompli bl-esekuzzjoni tal-appalt lilu moghti u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi u minghajr ma ghamel il-proceduri legali rikjesti mill-ligi a tenur tal-Art. 1569(2) tal-Kodici Civili.

U premess illi l-ammont dovut lill-attur tax-xoghol minnu ezegwit huwa ta' elf sitt mija wiehed u ghoxrin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1621.21) skond kont tal-perit nkarigat mill-konvenut stess wara x-xoljiment.

U premess illi l-azzjoni illegali tal-konvenut arrekat danni materjali konsiderevoli lill-attur kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghall-liema danni l-attur talab li jigi risarcit.

U premess illi l-konvenut ghalkemm mitlub sabiex ihallas l-ammont dovut u jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni baqa' inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas s-somma ta' Lm1621.21 rapprezentanti l-ammont dovut in konnessjoni max-xoghol minnu esegwit fuq il-Plot Nru. 5 Tal-Mentna, Mqabba, u

2. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-ksur bla ebda raguni valida tal-kuntratt ta' appalt maghmul bejn il-partijiet.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rizultanti mill-istess ksur ta' appalt.

4. Tikkundanna lil istess kovenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Awissu 1995 u tal-Protest Gudizzjarju tat-2 ta' Ottubru 1995 u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-ittra ufficjali.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu milqugha peress illi dawn huma bbazati fuq artikolu tal-Ligi li jikkoncerna cessjoni ta' kera waqt li l-kwistjoni si tratta fuq terminazzjoni ta' kuntratt ta' appalt.

2. Illi l-konvenuti ma jistghu qatt jigu dikjarati responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur peress li l-konvenuti agixxew skond l-Artikolu 1640 tal-Kap. 16.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attur kien intitolat ghas-somma ta' elf u erba' mija u tlieta u hamsin lira (Lm1,453) rapprezentanti kumpens ghall-ispejjez u xoghol li huwa ghamel in konnessjoni mal-fond numru 5 tal-Mentna, l-Imqabba, liema somma tinsab depozitata l-Qorti permezz ta' cedola numru 208/95 fid-29 ta' Awissu 1995.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament iz-zewg noti ta' osservazzjonijiet li gew sottomessi mid-difensuri rispettivi tal-kontendenti;

Ikkunsidrat li qabel xejn din il-Qorti, kif illum presjeduta, ghandha tirrileva li din il-kawza giet quddiema fl-istadju meta l-gbir tal-provi kien inghalaq u l-partijiet kellhom jissottomettu biss noti ta' osservazzjonijiet per via ta' trattazzjoni. Dan qed jigi rrilevat ghar-raguni li kemm il-partijiet kif ukoll id-difensuri taghhom, u partikolarment l-attur, minbarra l-aspetti legali tal-vertenza ghamel u qanqal diversi punti ta' natura teknika dwar is-sengha tal-kostruzzjoni tal-gebel meta l-ebda perit tal-Qorti ma gie nominat biex jindaga u jistabbilixxi dwar certi kriterji msemmija mill-attur. Inoltre, jirrizulta li l-konvenuti invece, harrku b'xhud taghhom l-Arkitett u Inginier Civili Vincent Saydon, li huma kienu qabbdu bhala perit taghhom biex ifassal pjanta, japplikalhom ghall-permessi mehtiega kif ukoll biex jissorveljalhom ix-xoghol. U jirrizulta li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-attur, dan l-arkitett ikkonferma dak li l-konvenuti eccepew kontra t-talba attrici.

Illi jirrizulta pacifiku u assodat mill-provi li l-attur gie inkarigat u moghti appalt <u>bil-fomm</u> biex jaghmel xoghol ta' bini bil-gebel f'sit proprjeta' tal-konvenuti, u cjoe' Plot numru 5, Tal-Mentna, l-Imqabba. Jirrizulta li bhala parti minn dak li gie miftiehem, l-attur kien ghadda lista bil-prezzijiet tax-xogholijiet li fuqha kellu eventwalment jithallas l-attur wara li jsir il-kejl necessarju u jinhareg il-kont. Fil-kors tax-xoghol inqala' nuqqas ta' qbil billi jidher li l-perit Saydon ma approvax li l-attur ikompli jaghmel uzu minn gebel tas-soll <u>f'certu partijiet</u> li kienu mikxufa jew hdejn il-bir u ghalhekk

ordna lill-attur biex jibdel il-gebel in kwistjoni. Billi l-attur deherlu u ghadu jsostni li l-gebel tas-soll li huwa ghamel uzu minnu kien skond kif titlob is-sengha u esebixxa kopja ta' ktieb bhala konferma, huwa ghamilha cara li ma kienx lest li jobdi lill-perit u spicca biex abbanduna l-lant tax-xoghol b'dana li x-xoghol tkompla minn haddiehor li gie in segwitu mqabbad mill-konvenuti. Jirrizulta inoltre li l-konvenuti inkarigaw lill-perit Saydon biex ikejjel ix-xoghol tal-attur fuq il-prezzjijiet mghoddijin lilhom mill-bennej (l-attur) u wara li l-imsemmi perit kejjel u hareg il-hlas dovut, <u>nieqes minnu x-xoghol hazin li kien sar mill-attur</u> huma ghaddew biex jiddepozitaw l-ammont in kwistjoni taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex jezimu ruhhom minn kull responsabbilta', billi l-attur deher li ma riedx jaccetta dan l-ammont inferjuri ghall-pretensjoni tieghu. Illi anke hawn bilfors il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka kif il-partijiet ma rnexxielhomx jaslu fi ftehim bonarju konsiderat il-fatt li mhux biss li l-attur kien qarib ta' wiehed mill-konvenuti imma l-aktar l-ghaliex id-differenza kienet relattivament wahda marginali, cjoe' mija u tmenin lira Maltija (Lm180). Certament, l-attitudini tal-attur ftit ghenet biex jintlahaq xi ftehim. Il-perit Saydon <u>inter alia</u> xehed hekk (fol. 44):

> *"Gbidtlu l-attenzjoni (i.e. lill-attur) fuqha, u dan qabad jirvilla u ma riedx jaccetta li jnehhih. Jiena ghidtlu biex jibdel dawk il-partijiet li deherli li riedu jinbidlu u hu ma riedx u baqa' ma bidilhomx."*

Ghandu hawn jinghad li l-attur kien pjenament edott mill-fatt li fl-inkariku li gie moghti lilu kienu saru wkoll diskussjonijiet mieghu. L-attur mhux biss kien jaf li l-perit inkarigat mix-xoghol kien il-perit Saydon imma kien jaf ukoll li dan il-perit kellu jaghmel sorveljanza tax-xoghlijiet kollha (ara xhieda in kontro-ezami, fol. 22). Jirrizulta li meta l-attur baqa' jwebbes rasu u jirrizulta li jimxi fuq id-direzzjoni tal-perit inkarigat mix-xoghlijiet

huwa mar ikellem "perit iehor" - li ma jipprecizax min kien u lanqas ipproducih bhala xhud - u dan qallu (fol. 23) li xoghlu sar skond is-sengha.

Illi mix-xhieda tal-attur jirrizulta pjuttost ovvju li huwa hassu urtat mill-fatt li huwa kien gie ordnat li jnehhi parti mill-gebel tas-soll wara li kien gja gab il-materjal fuq il-post u ghamel uzu minnu. Dan ifisser li htieglu li jerga' jaqilghu mill-gdid - haga li hu deher mill-ewwel li ma kienx pront jesegwixxi akkost li ma jkomplix ix-xoghol hu kif effettivament gara. Di fatti, l-attur innifsu jissintetizza dak li gara hekk (fol. 20 tal-process):

> *"Imbaghad jiena ma ridtx naqla', dak ried jaqla' u qalli li jekk ma taqlax mhux se tkompli u ghidtlu mela ma nkomplix. U zammli Lm180 tax-xoghol li qal li hemm soll. Lm180 huwa qliegh hux."*

Fil-fehma tal-Qorti, darba li x-xoghol kien assoggettat ghas-sorveljanza tal-perit Saydon, ankorke` dan kien tqabbad mill-konvenuti, ma kienx lecitu ghall-attur li jmur kontra dak li ordnalu l-perit. Jigi rilevat li l-attur jibbaza t-tezi tieghu fuq ktejjeb x'aktarx dilettantistiku (ara Dok. A) u, certament bejn folja jew tnejn minn dan il-ktejjeb u kostatazzjonijiet ta' bniedem professjonali responsabbli ghax-xoghol de quo, il-Qorti jidrilha li ghandha tipprevali t-tezi tal-konvenuti. Bil-fatt li, skond l-attur, il-perit gibidlu l-attenzjoni wara li l-attur kien gja' utilizza l-gebel tas-soll ma jfissirx li, b'daqstant, l-attur bhala bennej tas-sengha kien intitolat juza s-soll fil-partijiet kollha. Bhala bniedem tas-sengha kien invece messu jaf li s-soll ma kellux jintuza fil-partijiet indikati lilu mill-perit u di piu huwa kien messu obda l-ordnijiet tal-perit li kien inkarigat specifikament bis-sorveljanza tax-xoghol in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md